MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 67/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Bugeja talli ghax-xhur ta' Ottubru 2005, Novembru 2005, Dicembru 2005, Jannar 2006, Frar 2006, Marzu 2006, April 2006 u Mejju 2006, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda, naqas li jaghti l-manteniment lil martu Antoinette Bugeja ghalih u ghal minuri Maria s-somma ta' Lm200 meta hekk ordnat skond digriet datat 16 ta' Frar 2005 mill-Onor. Qorti Civili Sezzjoni Familja;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Jannar 2007, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Joseph Bugeja hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontrieh u kkundannatu ghal xahar detenzjoni u inoltre ordnat li jhallas is-somma ta' Lm1,600 bhala manteniment dovut lil martu Antoinette ghaliha u ghall-minuri Maria ai termini ta' l-artikolu 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Bugeja pprezentat fid-19 ta' Frar 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah mill-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u, minghajr pregudizzju, fil-kaz li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, tirriforma l-piena ghal wahda aktar gusta u ekwa ghac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u, in vista tal-pendenza tal-proceduri istitwiti minnu ghar-revoka jew riforma tad-digriet tal-manteniment ordnat mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), tissoprassjedi sakemm l-ezitu ta' l-imsemmija proceduri jkun maghruf u mbaghad tipprocedi kif tara xieraq;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) Is-sentenza appellata mhix skond il-ligi peress illi la semmiet il-fatti u l-anqas ippronunzjat il-htija; (2) Minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, is-somma indikata fl-imputazzjoni hi ta' Lm200 u mhux ta' Lm1,600 kif iddecidiet l-ewwel Qorti; (3) L-appellant ma kellux l-opportunita` shiha li jiddefendi ruhu; (4) Id-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ma jispecifikax l-ammont ta' manteniment u ghalhekk ma jikkostitwixxix bazi soda ghall-azzjoni kriminali; (5) Jekk jigi accettat li jikkostitwixxi bazi soda, l-azzjoni fir-rigward tax-xhur ta' Ottubru,

Novembru u Dicembru 2005 hi preskritta; (6) Ghal dak li jirrigwarda l-fattispecje tal-kaz, ghandu jigi kkunsidrat illi l-appellant ghandu dizabilita` gravi u permanenti li ma tippermettilux jahdem.

Issa, fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant issenjala l-fatt li huwa kien istitwixxa proceduri quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex jigi revokat jew reformat id-digriet ta' manteniment li jifforma l-bazi tal-proceduri odjerni. Waqt is-smigh ta' dan l-appell fit-22 ta' Gunju 2007, id-difensur ta' l-appellant Dott. Reno Borg opprezenta kopja legali ta' digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) wara r-rikors tieghu pprezentat fl-1 ta' Marzu 2007.

Permezz ta' l-imsemmi rikors li l-appellant kien ikkonferma bil-gurament, l-appellant spjega l-pozizzjoni tieghu wara li kellu jieqaf mix-xoghol peress li ghama minn ghajn wahda u qieghed jaghma mill-ghajn l-ohra u issa, wara li ghadda Bord Mediku f'Awissu 2006, l-uniku dhul tieghu huwa ta' Lm169 fix-xahar bhala pensjoni ta' invalidita`. Skond l-istess rikors, huwa ghandu mard iehor li minhabba fih ghandu spiza ta' medicini peress li mhux kollox jinghatalu b'xejn. Huwa ghalhekk talab li l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tas-16 ta' Frar 2005 peress illi minhabba ragunijiet ta' sahha sab ruhu fl-impossibilita` li jhallas il-manteniment b'effett mit-22 ta' Settembru 2005 u tiddikjara li huwa mhuwiex f'qaghda li jhallas tali manteniment minhabba ragunijiet ta' sahha ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

B'digriet tad-19 ta' Gunju 2007, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), iddecidiet, wara li rat ir-rikors imsemmi, ir-risposta ta' l-intimata, u n-nota prezentata mill-appellant (allura konvenut) bix-xiehda migjuba quddiem il-perit legali, li **"f'dan l-istadju, stante li jirrizulta li l-konvenut mhuwiex qed jahdem bi qliegh, tilqa' t-talba u tissospendi l-effetti tad-digriet moghti fis-16 ta' Frar 2005, mill-1 ta' Settembru 2005"**.

F'tali cirkostanzi, peress illi l-imputazzjoni tirreferi ghall-perijodu minn Ottubru 2005, u allura perijodu li huwa

kopert bl-imsemmi digriet tad-19 ta’ Gunju 2007, din il-Qorti m’ghandhiex triq ohra hlief li tillibera lill-appellant mill-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

Ma jistax ma jigix osservat, pero`, illi permezz tas-sentenza taghha l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-artikolu 24 tal-Kap. 446 u, a tenur ta’ l-imsemmi artikolu, ordnat lill-appellant ihallas is-somma ta’ Lm1,600 bhala l-manteniment dovut. Din il-Qorti tixtieq tirrileva li ordni taht l-artikolu 24 tal-Kap. 446 jista’ jsir biss, kif jipprovdi l-istess artikolu, **“meta Qorti taghmel ordni ta’ probation, ordni ta’ servizz fil-komunita`, ordni ta’ probation u servizz, ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata jew meta tillibera lill-hati ghal kollox”.** L-ebda wiehed minn dawn il-mezzi giet uzata mill-ewwel Qorti u ghalhekk ma setghetx taghmel ordni ghall-hlas ta’ manteniment skond l-imsemmi artikolu.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirrevoka s-sentenza appellata. Tiddikjara lill-appellant mhux hati ta’ l-imputazzjoni dedotta u tilliberah mill-imsemmija imputazzjoni u minn kull piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------